MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2015

Numru. 56/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Kaled M. Ben Gamur**

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 15 ta' Jannar 2015 fil-konfront ta` **Kaled M. Ben Gamhur ta' 36 sena, bin Mokthar u Mary xebba Azzopardi, imwieled Tripoli Libja nhar l-01 ta' Mejju 1979 u residenti gewwa 142/6 Triq San Duminku Valletta, detentur tal-**

**karta tal-identita` bin-numru 427000 (L)** fejn l-Uffuċjal Prosekutur stqarr li kien qiegħed : -

"1. Nakkuzah talli fi Triq L-Inginieri Valletta fl-14 ta' Jannar 2015, ghal habta ta' 09:00hrs, ikkommettejt serq ta' ***ghodda*** cioe' ***Chaser*** ta' marka ***DeWalt***, liema serq jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-haga misruqa, min go vettura ta' ghamla Ford bi nru. ta' registrazzjoni HBG 335 u li sar ghad-detriment ta' Carmel Camilleri detentur ta' karta ta' Identita:0347247 M;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;
3. Nakkuzah ukoll talli rrenda ruhu recediv b`diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbiddlu. Art 49, 50, 289 Kap 9.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant filwaqt li qed nesebixxi l-fedina penali ta' l-imsemmi **Kaled M. Ben Gamhur** nitlob lil Onorabbli Qorti li dan il-kaz jigi investigat skond il-Ligi."

Rat l-atti u d-dokumenti ezibiti;

Il-Qorti rat ukoll li matul is-seduta tal-15 ta' Jannar 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ippuntwalizza li t-tieni imputazzjoni kienet kontestata lill-imputat bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni u kkonferma l-istess imputazzjonjiet bil-ġurament tiegħu.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 8 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess seduta tal-15 ta' Jannar 2015 waqt l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali huwa wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu inkondizzjonatament;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex anke jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat, preżenti l-Avukat tal-Għajnuna Legali Christopher Chircop wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti kif presjeduta rat li l-imputat kien deċiż fid-deċiżjoni tiegħu li jammetti l-ħtija.

Peress li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih inkondizzjonatament, fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li dawn huma sodisfaċentement pruvati. Għalhekk, meta qieset kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistax ħlief tiddikjarah ħati f'dan il-każ.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet fir-rigward tal-piena li għandha tiġi inflitta f'dan il-każ.

L-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija f'dan il-każ stante li ma stqarr l-involviment tiegħu mill-bidu nett kif ukoll li kien jeħtieġ l-għajnuna sabiex jegħleb il-vizzju mill-abbuż tad-droga. L-

Uffiċjal Prosekutur tenna wkoll li r-refurtiva kienet ġiet ritornata kollha kemm hi lil sidha. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Uffiċjal Prosekutur saħaq li din il-Qorti setgħet tikkonsidra piena ta' priġunerija effettiva b'rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin li jibgħat lill-imputat programm ta' rijabilitazzjoni kontra l-vizzju tal-abbuż tad-droga.

Minn naħa l-oħra d-difiża tenniet li f'dan il-każ l-imputat kien irreġistra ammissjoni bikrija. Inoltre r-refurtiva kienet ġiet ritornata lil sidha. Id-difiża għalqet billi stiednet lil Qorti sabiex, anke fid-dawl ta' dak mistqarr mill-Uffiċjal Prosekutur, tikkonsidra piena fil-minimum tagħha iżda kien meħtieġ li l-imputat jingħata l-għajnuna biex jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga. Anzi żiedet tgħid li l-imputat kien dispost joqgħod taħt ordni ta' trattament.

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Illi din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar xi tkun il-piena idoneja f'dawn iċ-ċirkostanzi. Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet, prevja l-preċisazzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva għall-ewwel waħda, kif ukoll dik tar-reċidiva. Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa meħtieġ li l-imputat mhux biss jingħata

piena għar-reat li huwa wettaq u ammetta għalih, iżda jkun ukoll opportun li flimkien ma' din il-piena jitqiegħed taħt ordni ta' trattament sabiex ikun marbut li jsib l-għajnuna professjonali biex jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-drogi.

**<u>Deċide : -</u>**

Għaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b)(c)(e)(g), 263(a), 264, 265, 266, 267, 271(g), 279(a), 280(2), 289 u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni stante li din ġiet kontestata lill-imputat bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, qegħda ssib lil Khaled M. Ben Gamhur, reċidiv f'delitti, ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrih u tikkundannah għall-perjodu ta' tnax il-xahar priġunerija. Inoltre il-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħati taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma din is-sentenza, liema ordni qiegħed isir għal perjodu ta' disa' (9) xhur u tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi dik l-assistenza kollha meħtiega lil ħati sabiex din l-ordni ta' trattament tkun tista tiġi segwita u imwetqa mill-istess ħati b'success; Inoltre, l-Qorti qegħda tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin li jawtorizza lill-ħati li jibda u

jkompli Programm Residenzjali għal Rijabilitazzjoni kontra d-Droga fi ħdan l-istituzzjonijiet addetti mal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

Finalment stante li matul il-kors ta' din il-kawża ma kien hemm ebda espert nominat il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-aħħar talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jiġi mġiegħel iħallas l-ispejjeż ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**Mogħtija illum is-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (2015).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------